Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 4

Volum 61

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

6 ta' Jannar 2018

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 4/01 Opinjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Jannar 2018 dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mid-dekummissjonar u ż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Grafenrheinfeld KKG li jinsab fil-Land tal-Bavarja fil-Ġermanja 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2018/C 4/02 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Triq 'il quddiem fl-Iżvilupp ta' Sistemi tal-IT Doganali 3

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 4/03 Rata tal-kambju tal-euro 6

MT

2018/C 4/04 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Jannar 2018 dwar il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' applikazzjoni għal emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' denominazzjoni fis-settur tal-inbid skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Haut-Montravel (DOP)) 7

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2018/C 4/05 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8758 — BayWa/Clean Energy Trading) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 13

2018/C 4/06 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.8746 — EG Group/ESSO Germany Business) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ([1]) 15

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Jannar 2018

dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv li jirriżulta mid-dekummissjonar u ż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Grafenrheinfeld KKG li jinsab fil-Land tal-Bavarja fil-Ġermanja

(it-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2018/C 4/01)

Il-valutazzjoni ta' hawn taħt qed titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat Euratom, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe valutazzjoni addizzjonali li għandha titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-obbligi li joħorġu minnu u minn leġiżlazzjoni sekondarja ([1]).

Fil-11 ta' April 2017, b'konformità mal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern tal-Ġermanja, id-Dejta Ġenerali dwar il-pjan għar-rimi tal-iskart radjuattiv ([2]) li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Grafenrheinfeld KKG.

Abbażi ta' din id-dejta u t-tagħrif addizzjonali mitlub mill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2017 u pprovdut mill-awtoritajiet Ġermaniżi fit-8 ta' Awwissu 2017, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

1. Id-distanza bejn is-sit u l-eqreb fruntiera ma' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ ir-Repubblika Ċeka, hija ta' 140 km.

2. Waqt operazzjonijiet ta' dekummissjonar u żarmar normali tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari Grafenrheinfeld KKG, ir-rilaxx ta' effluwenti likwidi u gassużi radjuattivi x'aktarx li ma jirriżultax f'esponiment li jkun sinifikanti mil-lat ta' saħħa, għall-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor fir-rigward tal-limiti tad-doži stabbiliti fid-Direttivi tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza ([3]).

3. L-iskart solidu radjuattiv jinħażen temporanjament fis-sit qabel ma jintbagħat lil faċilitajiet ta' trattament jew rimi liċenzjati fil-Ġermanja.

   L-iskart solidu u l-fdalijiet materjali mhux radjuattivi li jkunu konformi mal-livelli ta' approvazzjoni se jiġu rrilaxxati mill-kontroll regolatorju għar-rimi bħala skart konvenzjonali, għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. Dan se jsir b'konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttivi tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza.

4. F'każ li jkun hemm skariki mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jseħħu wara xi aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, id-doži li x'aktarx jilħqu lill-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor mhux se jkunu sinifikanti mil-lat tas-saħħa, fir-rigward tal-livelli ta' referenza stabbiliti fid-Direttivi tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza.

([1]) Pereżempju, skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-aspetti ambjentali jenħtieġ li jiġu vvalutati aktar. B'mod indikattiv, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 2014/52/UE; għad-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, kif ukoll għad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u għad-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma.

([2]) Ir-rimi tal-iskart radjuattiv skont it-tifsira tal-punt 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/635/Euratom tal-11 ta' Ottubru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tat-Trattat Euratom (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 36).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1) u d-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti; u li thassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1) b'effett mis-6 ta' Frar 2018.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni tal-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv fi kwalunkwe għamla, li jirriżulta mid-dekummissjonar u miż-żarmar ta' Grafenrheinfeld KKG, li jinsab fil-Land tal-Bavarja fil-Ġermanja, kemm waqt it-tħaddim normali kif ukoll fil-każ ta' aċċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, x'aktarx li ma tirriżultax f'kontaminazzjoni radjuattiva, li tkun sinifikanti mil-lati tas-saħħa, tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttivi tal-Istandards Bażiċi ta' Sikurezza.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Miguel ARIAS CAÑETE

Membru tal-Kummissjoni

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Triq 'il quddiem fl-Iżvilupp ta' Sistemi tal-IT Doganali

(2018/C 4/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

— li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar is-segwitu tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), fejn il-Kunsill irrikonoxxa li l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) u leġislazzjoni relatata ([2]) kienu saru applikabbli mill-1 ta' Mejju 2016 u enfasizzaw l-importanza li l-ħidma titlesta fil-perijodu tranżitorju sal-2020, b'mod partikolari fuq sistemi tal-IT, għandhom ikunu msejsa fuq spejjeż u ppjanar ta' żmien realistiċi u għandhom jesploraw modi kif l-ispejjeż doganali u tal-kummerċ jinżammu kemm jista' jkun baxxi, eż. billi jiġu adottati soluzzjonijiet tal-IT komuni;

— il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u l-Governanza tagħha ([3]), li fihom il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw il-KDU bħala prijorità ewlenija u biex jiżviluppaw strateġija komprensiva dwar l-istrateġija fuq perijodu medju u twil għas-sistemi tal-IT doganali, filwaqt li jitqies, *fost l-oħrajn*, l-użu ta' struttura permanenti għall-ġestjoni tal-infrastruttura tal-IT, u filwaqt li jitqiesu s-sistemi tal-IT li diġà ġew żviluppati jew qed jintużaw;

— il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE ([4]), fejn l-ogħla prijorità politika ngħatat lill-interoperabbiltà tas-sistemi tas-sigurtà u ta' ġestjoni tal-fruntieri mas-sistemi doganali;

— il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Doganali ([5]) li fihom il-Kunsill issottolinja l-ħtieġa li tkun promossa l-applikazzjoni konsistenti u koerenti tal-leġislazzjoni Doganali u approċċi moderni ta' kontrolli Doganali filwaqt li titħalla, fejn adatt, l-infrastruttura tal-IT Doganali komuni, u stieden lill-Kummissjoni biex sal-aħħar tal-2017 tiżviluppa strateġija għall-istruttura, l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-finanzjament tas-sistemi tal-IT Doganali, b'kunsiderazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IT meħtieġa għall-implementazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE;

— il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Iżvilupp tal-Unjoni Doganali tal-UE u Governanza Tagħha fejn il-Kummissjoni tinnota d-diverġenza ta' fehmiet fost l-Istati Membri dwar is-servizzi li jenħtieġu jiġu żviluppati u miżmuma fil-livell tal-UE;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI:

— l-isforzi u l-progress li qed isiru mill-Istati Membri u l-Kummissjoni fit-tħejjija ta' sistemi tal-IT għall-implimentazzjoni tal-KDU;

— il-ħtieġa ta' strateġija tal-IT fuq perijodu twil dwar l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT doganali.

([1]) ĠU C 357, 29.9.2016, p. 2.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/578 tal-11 ta' April 2016.
([3]) Dok. 7585/1/17 REV 1
([4]) Dok. 10151/17
([5]) Dok. 7586/2017

FILWAQT LI JINNOTA LI:

— billi r-rwol tad-dwana ġab titjib, mill-ġbir ta' dazji doganali sas-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni, u f'xi Stati Membri fil-ġbir tal-VAT u d-dazji tas-sisa, huwa essenzjali li l-Unjoni Doganali tagħmel użu aħjar mill-potenzjal u r-riżorsi tagħha, tikseb livell ogħla ta' kooperazzjoni u tibni proċessi aktar effiċjenti u kosteffettivi;

— is-soċjetà tal-lum teħtieġ il-veloċità u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tas-servizzi doganali, li jitlob li jkun hemm implimentazzjoni f'waqtha tal-leġislazzjoni doganali u s-sistemi tal-IT relatati.

— in-negozji esprimew fehmiet favorevoli rigward il-ħtieġa għal approċċ aktar koerenti tal-IT doganali sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u x-xogħol ([1]);

— il-ġenerazzjoni futura tas-sistemi tal-IT Doganali għandha tkompli ttejjeb l-applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni doganali tal-UE u l-ġestjoni tar-riskju, il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bejn id-dwana u l-gwardji tal-fruntieri, u l-kooperazzjoni ma' aġenziji oħrajn u pajjiżi terzi, u tiżgura li s-sistemi tal-IT jadattaw għat-teknoloġija tal-IT li qed tinbidel b'pass mgħaġġel;

FILWAQT LI JENFASIZZA L-ĦTIEĠA:

— li jiġi esplorat u jintlaħaq qbil dwar kif u meta jsir użu mill-akkomunament tar-riżorsi tal-UE kollha jew l-akkomunament tar-riżorsi bejn Stati Membri għall-iżvilupp ta' sistemi futuri tal-IT Doganali b'kunsiderazzjoni tal-għan u l-funzjonalità ta' kull sistema, li jippermetti lill-Unjoni Doganali tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u tisfrutta bis-sħiħ ir-riżorsi tagħha, sabiex jinkiseb livell ogħla ta' kooperazzjoni u jinbnew proċessi aktar effiċjenti u kosteffettivi għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi tal-IT doganali;

— li jiġu identifikati, fejn meħtieġ, flussi ta' finanzjament xierqa għall-finanzjament ta' approċċi ġodda biex jiġu żviluppati u operati sistemi futuri tal-IT Doganali;

— li jinstab approċċ ibbilanċjat biex jemenda jew jissostitwixxi l-mudell tal-iżvilupp attwali, b'kont meħud tal-investimenti sinifikanti magħmula mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, u t-tul ta' ħajja tas-sistemi tal-IT doganali eżistenti kif ukoll il-funzjonalitajiet tagħhom, bħalma hija l-interoperabbiltà ma' sistemi tal-IT nazzjonali oħra;

— li jiġi evalwat il-qafas legali meħtieġ biex titwitta t-triq għal approċċi ġodda għall-iżvilupp ta' sistemi futuri tal-IT doganali, filwaqt li tiġi rispettata d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-UE;

JILQA':

— il-prijorità mogħtija lil approċċ pass b'pass li għandu jipprovdi soluzzjoni effettiva u kosteffiċjenti għas-sistemi tal-IT Doganali tal-ġenerazzjoni li jmiss mill-2025 'il quddiem, abbażi ta' arkitettura maqbula mill-partijiet ikkonċernati;

— l-impenn tal-Istati Membri interessati u l-Kummissjoni biex jiġu studjati approċċi ġodda biex is-sistemi tal-IT Doganali jiġu żviluppati u operati b'aktar reqqa, inkluż permezz tat-tnedija ta' proġett pilota;

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI:

— sabiex jimplimentaw il-Programm ta' Ħidma tal-IT tal-KDU bħala prijorità ewlenija, u fejn xieraq biex jiżviluppaw dawn is-sistemi tal-IT f'kooperazzjoni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-KDU;

— sabiex, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jesploraw approċċi ġodda biex jiżviluppaw u joperaw is-sistemi tal-IT Doganali futuri billi jżommu f'moħħhom li kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' approċċi ġodda għandha tkun ippreċeduta minn studju iktar fil-fond ta' din l-idea, li jkun jinkludi, fost l-oħrajn, il-kamp ta' applikazzjoni ta' proġett pilota, il-partijiet ikkonċernati, il-finanzjament u l-involviment possibbli ta' struttura permanenti jew fornitur kondiviż għall-IT, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Tallinn, li tinsab fl-Anness.

— sabiex iwettqu analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji, inkluż analiżi speċifika tal-kosteffettività ta' approċċi ġodda fir-rigward tas-sistemi tal-IT Doganali futuri u l-impatt tagħhom fuq l-awtoritajiet, il-kummerċ, u n-negozji.

([1]) Studju estern fl-2013, li ħadu sehem fih aktar minn 1 000 negozju: Studju dwar l-Evalwazzjoni tal-Unjoni Doganali tal-UE (Kuntratt Speċifiku Nru 13 li jimplimenta l-Kuntratt Qafas Nru TAXUD/2010/CC/101); T ISBN 978-92-79-33136-7

ANNESS

ID-DIKJARAZZJONI TA' TALLINN DWAR L-IŻVILUPP TAS-SISTEMI TAL-IT DOGANALI FUTURI

Il-Parteċipanti tas-Seminar ta' Livell Għoli tal-IT Doganali tal-Kapijiet tal-Amministrazzjonijiet Doganali tal-Istati Membri tal-UE, il-Pajjiżi Kandidati Parteċipanti, u l-Kummissjoni Ewropea waqt is-Seminar tat-28 u d-29 ta' Settembru 2017 li sar f'Tallinn

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU L-ĦTIEĠA LI:

— jiġu żviluppati s-sistemi tal-IT meħtieġa abbażi ta' strateġija tal-IT Doganali fit-tul li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet Doganali u partijiet ikkonċernati oħra, u li takkumpanja aktar armonizzazzjoni tal-proċessi Doganali;

— ifittxu żvilupp u operat f'waqtu, modern u kosteffettiv tas-sistemi tal-IT doganali fil-futur, u biex jiġu evitati sforzi multipli inutli mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;

JIDDIKJARAW LI:

— huwa meħtieġ li titkompla l-ħidma fuq strateġija tal-IT Doganali fit-tul ibbażata fuq viżjoni ċara tal-ħtiġijiet futuri, u li tindirizza kwistjonijiet li jmorru lil hinn mir-restrizzjonijiet ta' approċċi attwali filwaqt li fl-istess ħin il-prijorità tibqa' fuq l-implimentazzjoni tal-KDU;

— il-potenzjal ta' żvilupp u manutenzjoni aktar ċentralizzati jew kollaborattivi tas-sistemi futuri tal-IT doganali għandu jiġi esplorat iktar bħala mezz biex tiżdied l-effiċjenza u l-effikaċja, b'kont meħud tat-tagħlimiet mill-inizjattivi ta' kollaborazzjoni preċedenti, u mill-inizjattivi attwali li għandhom jitkomplew biex jiġi identifikat il-potenzjal sħiħ tal-mudell ta' kollaborazzjoni;

— l-iffrankar fl-ispejjeż u l-kosteffettività jistgħu jinkisbu permezz ta' aktar akkomunament tar-riżorsi (tal-UE kollha jew bejn Stati Membri);

— kwalunkwe akkomunament tar-riżorsi għandu jkun ibbażat fuq argumenti ċari għall-vijabbiltà, analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji u appoġġat b'qafas legali xieraq;

— huwa meħtieġ li jiġi definit kif approċċi ġodda tal-iżvilupp u l-operazzjoni ta' sistema tal-IT għandhom jiġu ffinanzjati billi wieħed iżomm f'moħħu l-objettivi tal-iffrankar fl-ispejjeż u l-kosteffettività;

— sistemi tal-IT doganali għandhom jiġu żviluppati bl-għan li jingħata l-aħjar servizz lill-partijiet ikkonċernati, bl-isfruttar tal-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda;

— l-esperjenza fl-akkwist komuni, l-iżvilupp u l-operat f'oqsma oħra ta' politika għandhom jiġu esplorati aktar u jittieħed kont tagħhom;

— aktar konsiderazzjoni ta' approċċi ġodda biex jiġu żviluppati u operati sistemi tal-IT Doganali għandhom ikunu preċeduti minn studju aktar bir-reqqa tal-idea (inkluż il-kamp ta' applikazzjoni ta' proġett pilota, il-partijiet ikkonċernati, il-finanzjament, u possibbilment l-involviment ta' struttura permanenti għall-IT, eċċ); dan jista' javvanza 'l quddiem permezz ta' grupp ta' ħidma magħmul minn Stati Membri interessati u l-Kummissjoni b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu identifikati mudelli operattivi futuri.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro [1]

Il-5 ta' Jannar 2018

(2018/C 4/03)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,2045	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5068
JPY	Yen Ġappuniż	136,45	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,4188
DKK	Krona Daniża	7,4459	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6837
GBP	Lira Sterlina	0,88883	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5993
SEK	Krona Żvediża	9,8318	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 281,20
CHF	Frank Żvizzeru	1,1757	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,8886
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,8151
NOK	Krona Norveġiża	9,7418	HRK	Kuna Kroata	7,4350
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	16 164,39
CZK	Krona Ċeka	25,594	MYR	Ringgit Malażjan	4,8180
HUF	Forint Ungeriż	308,77	PHP	Peso Filippin	60,065
PLN	Zloty Pollakk	4,1554	RUB	Rouble Russu	68,7724
RON	Leu Rumen	4,6351	THB	Baht Tajlandiż	38,773
TRY	Lira Turka	4,5127	BRL	Real Brażiljan	3,9057
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5361	MXN	Peso Messikan	23,3267
			INR	Rupi Indjan	76,3290

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Jannar 2018

dwar il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' applikazzjoni għal emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' denominazzjoni fis-settur tal-inbid skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Haut-Montravel (DOP))

(2018/C 4/04)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 97(3) tiegħu,

Billi:

(1) Franza ressqet applikazzjoni għal emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni "Haut-Montravel", skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Il-Kummissjoni eżaminat din l-applikazzjoni u sabet li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikoli 93 sa 96, fl-Artikolu 97(1), kif ukoll fl-Artikoli 100, 101 u 102 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, huma ssodisfati.

(3) Sabiex id-dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni jkunu jistgħu jsiru skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jenħtieġ li l-applikazzjoni għal emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni "Haut-Montravel" tiġi pppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-applikazzjoni għal emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni "Haut-Montravel" (DOP) skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, id-dritt ta' oppożizzjoni għall-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott prevista fl-ewwel subparagrafu ta' dan l-artikolu jingħata għal xahrejn li jibdew jiskorru mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Jannar 2018.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

ANNESS

"HAUT-MONTRAVEL"

PDO-FR-A0152-AM01

Data tat-tressiq tal-applikazzjoni: il-15 ta' Settembru 2014

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA TAL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT

1. **Regoli applikabbli għall-emenda**

L-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 — emenda mhux minuri

2. **Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-emenda**

2.1. *Żona ġeografika ta' produzzjoni*

Iż-żona ġeografika ta' produzzjoni deskritta fil-punt IV tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija estiża għat-territorju tat-tmien muniċipalitajiet, Bonneville-et-Saint-Avit-de-Fumadières, Lamothe-Montravel, Montcaret, Montazeau, Montpeyroux, Saint-Méard-de-Gurçon, Saint-Michel-de-Montaigne, Saint-Vivien. Dawn il-muniċipalitajiet li jinsabu wkoll fiż-żona ta' produzzjoni tad-DOP "Côtes de Montravel" għandhom karatteristiċi pedoklimatiċi identiċi għal dawk taż-żona ta' produzzjoni ddefinita inizjalment għad-DOP "Haut-Montravel" u għal varjetajiet tad-dwieli simili. Din l-emenda teħtieġ ukoll evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni sabiex tiġi affermata n-natura likoruża tal-inbejjed bojod tad-DOP "Haut-Montravel".

Dawn l-emendi huma relatati ma' dawk li saru fl-istess waqt fl-Ispeċfikazzjoni tal-Prodott tad-DOP "Côtes de Montravel". Issa ż-żoni ta' dawn iż-żewġ DOP jikkoinċidu iżda għal prodotti ddifferenzjati: l-inbejjed tad-DOP "Côtes de Montravel" huma nbejjed bojod ħelwin mezzani. Dan jippermetti li tiġi ċċarata l-offerta.

Billi l-muniċipalitajiet miżjuda maż-żona ġeografika qabel kienu fiż-żona ta' viċinanza immedjata, din iż-żona ġeografika hija emendata kif xieraq biex jitneħħew minnha (il-punt IV(3) tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott).

Fil-punt IV(2) tal-Kapitolu 1 tiżdied id-data tal-approvazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-emenda tar-roqgħa tar-raba' demarkata fiż-żona ġeografika ta' produzzjoni ddefinita l-ġdida. Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

2.2. *Rabta mal-oriġini*

Ir-rabta mal-oriġini deskritta fil-punt X tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija emendata skont l-emendi li saru fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott.

Is-sommarju tar-rabta, deskritt fil-punt 7 tad-Dokument Uniku, ġie rivedut kif xieraq, u skont in-numru massimu ta' karattri impost minn e-ambrosia.

2.3. *Emendi editorjali*

— Fil-punt VI(1)(b) tal-Kapitolu 1, il-kelma "francs" (għajnejn ġodda) hija sostitwita bil-kelma "fructifères" (għajnejn li se jagħtu l-frott): dan huwa titjib editorjali u ma jbiddilx is-sens tat-test oriġinali.

  Id-Dokument Uniku huwa emendat f'dan il-punt: l-espressjoni "10 yeux francs" (10 għajnejn ġodda) hija sostitwita bi "10 yeux fructifères" (10 għajnejn li se jagħtu l-frott).

— Fil-punt XI(2) tal-Kapitolu 1 dwar il-miżuri tranżitorji, "Normes analytiques-Titre alcoométrique volumique total" (Standards analitiċi-Qawwa alkoħolika totali skont il-volum) titħassar għax din id-dispożizzjoni tapplika biss sal-ħsad tal-2011 inkluż.

Dan huwa aġġornament editorjali li ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

2.4. *Rendiment*

— Fil-punt VIII(1) tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rendiment huma emendati: ir-rendiment jitnaqqas għal 25 ettolitru għal kull ettaru minflok 50 ettolitru għal kull ettaru u r-rendiment cut-off jitnaqqas għal 30 ettolitru għal kull ettaru minflok 60 ettolitru għal kull ettaru.

  Il-punt 5(b) tad-Dokument Uniku huwa emendat kif xieraq.

— Fil-punt VI(1)(d) tal-Kapitolu 1, it-tagħbija massima medja għal kull roqgħa tinbidel minn 8 000 kg/ettaru għal 7 000 kg/ettaru b'mod koerenti mal-emendi tar-rendiment.

  Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

— Jiżdied mal-punt VIII(4) tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott li jipprevedi li fuq l-istess żona stabbilita ta' dwieli għall-produzzjoni, tista' tintuża kemm id-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Haut-Montravel" u kif ukoll id-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Côtes de Montravel".

F'dan il-każ, il-kwantità ddikjarata għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Côtes de Montravel" ma tistax taqbeż id-differenza bejn ir-rendiment annwali awtorizzat għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Côtes de Montravel" u l-kwantità ddikjarata għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Haut-Montravel", bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent k. Dan il-koeffiċjent huwa daqs il-kwozjent tar-rendiment annwali awtorizzat għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Côtes de Montravel" fuq ir-rendiment annwali awtorizzat għad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Haut-Montravel".

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

L-emendi tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni saru biex jiġi identifikat aħjar l-inbid "Haut-Montravel" bħala inbid ħelu, likoruż, li jsir minn għeneb li jkun sar iżżejjed maqtugħ bl-idejn permezz ta' ħsad selettiv suċċessiv.

2.5. *Maturità tal-għeneb u standards analitiċi*

— Fil-punt VII(1) tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, id-dispożizzjonijiet relatati mal-ħsad huma emendati biex jiġi speċifikat li l-għeneb jinħasad meta jkun sar iżżejjed bil-moffa nobbli jew le.

— Barra minn hekk jiżdied li l-għeneb jinqata' bl-idejn permezz ta' ħsad selettiv suċċessiv.

— Fil-punt VII(2) tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-maturità tal-għeneb jinbidlu kif ġej: il-kwantità ta' zokkor tal-għeneb, il-qawwa alkoħolika skont il-volum naturali minimu u l-qawwa alkoħolika skont il-volum effettiv minimu huma aġġustati, u jgħaddu rispettivament għal 255 g/l minflok 198 g/l; għal 17 % minflok 12,5 % u għal 12 % minflok 10,5 %.

— Il-punt 3 tad-Dokument Uniku huwa emendat fir-rigward tal-qawwa alkoħolika effettiva minima u l-qawwa alkoħolika skont il-volum naturali minimu.

— Fil-punt IX(b) tal-Kapitolu 1 dwar l-istandards analitiċi, il-kontenut ta' zokkor fermentabbli tinbidel għal 85 grammi għal kull litru minflok bejn 25 u 51 g/l.

— Jiżdied ukoll li, permezz ta' deroga, qabel l-ippakkjar (inbid bl-ingrossa) l-inbejjed għandhom kontenut ta' aċidità volatili stabbilita permezz ta' digriet konġunt tal-ministeru tal-konsum u tal-ministeru tal-agrikoltura.

L-emendi tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni saru biex jiġi identifikat aħjar l-inbid "Haut-Montravel" bħala inbid ħelu, likoruż, li jsir minn għeneb li jkun sar iżżejjed maqtugħ bl-idejn permezz ta' ħsad selettiv suċċessiv.

2.6. *Varjetajiet tad-dwieli u taħlita*

— Fil-punt V(2) tal-Kapitolu 1 dwar ir-regoli ta' proporzjon fl-użu tal-varjetajiet differenti tal-għeneb tiżdied din is-sentenza: "la proportion du cépage Sémillon B est supérieure ou égale à 50 % de l'encépagement" (il-proporzjon tal-varjetà Sémillon B huwa ta' 50 % tal-varjetajiet jew aktar). Din il-varjetà, li hija predominanti fiż-żona ta' produzzjoni, għandha kapaċità kbira għall-maturazzjoni żejda fil-klima oċeanika li għandha ż-żona ta' produzzjoni.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

— Fil-punt IX(1)(a) tal-Kapitolu 1, id-dispożizzjonijiet dwar it-taħlita tal-varjetajiet huma riveduti sabiex jiġi speċifikat li l-proporzjon minimu tal-varjetà Sémillon B huwa ta' 50 % jew aktar.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

Dawn l-emendi jirrigwardaw il-karatterizzazzjoni tal-inbejjed DOP "Haut-Montravel" u l-affermazzjoni tan-natura likoruża ta' din il-produzzjoni.

2.7. *Prattiki enoloġiċi*

Fil-punt IX(1)(c) tal-Kapitolu 1 dwar il-prattiki enoloġiċi, issa huwa projbit li jsir arrikkiment tal-inbejjed tad-DOP "Haut-Montravel".

Il-punt 4 dwar il-prattiki fil-produzzjoni tal-inbid tad-Dokument Uniku huwa emendat kif xieraq.

2.8. *Tqegħid fis-suq tal-inbejjed għall-konsumatur*

Fil-punt IX(4) tal-Kapitolu 1 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jiddaħħal żmien ta' maturazzjoni (estensjoni tal-perjodu ta' maturazzjoni), l-inbejjed jistgħu biss jitqiegħdu fis-suq għall-konsumatur mill-1 ta' Settembru tas-sena ta' wara dik tal-ħsad.

L-emendi tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni saru biex jiġi identifikat aħjar l-inbid "Haut-Montravel" bħala inbid ħelu, likoruż, li jsir minn għeneb li jkun sar iżżejjed maqtugħ bl-idejn permezz ta' ħsad selettiv suċċessiv.

Din l-emenda ma taffettwax id-Dokument Uniku.

2.9. *Kontroll*

Deskrizzjoni u raġunijiet

Il-punt I tal-Kapitolu II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar l-obbligi dikjarattivi huwa emendat.

Id-data meta trid tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għall-produzzjoni hija emendata biex tiġi ffissata għal qabel il-bidu tal-ħsad.

Id-dikjarazzjoni ta' rtirar tħassret.

Il-punt II tal-Kapitolu II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott dwar iż-żamma tar-reġistri hija emendata sabiex jiżdied obbligu ta' reġistrazzjoni tal-konċessjoni ta' kuljum biex tinġabar l-informazzjoni dwar ir-referenzi katastali tal-irqajja' maħsuda, id-data, il-volum maħsud u l-kwantità ta' zokkor tal-lottijiet.

Fit-tabella tal-punti ewlenin li jridu jiġu kkontrollati li tinsab fil-I tal-Kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jiżdied punt ta' kontroll tal-ħsad manwali selettiv suċċessiv.

Dawn l-emendi li l-għan tagħhom huwa l-kontroll tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem**

Haut-Montravel

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP — Denominazzjoni ta' oriġini protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

Inbejjed bojod fini u mielsa b'konċentrazzjoni għolja ħafna. In-natura "ħelwa" tagħhom hija espressa meta l-għeneb ikollu l-"moffa nobbli" (azzjoni ta' *botrytis cinerea*). L-għeneb għandu kapaċità eċċellenti ta' maturazzjoni. Dawn l-inbejjed ħelwin fihom ħafna zokkor fermentabbli (kontenut > 85 g/l) u għandhom togħma matura, b'aromi ta' frott imsajjar jew ippreservat u xi kultant lemħiet ta' għasel.

L-ebda arrikkiment. Il-qawwa alkoħolika skont il-volum naturali minimu = 17 %

Il-qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum): 12 %

Permezz ta' deroga, qabel l-ippakkjar l-inbejjed ikollhom kontenut ta' aċidità volatili stabbilita permezz ta' digriet konġunt tal-ministeru tal-konsum u tal-ministeru tal-agrikoltura.

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

a. ***Prattiki enoloġiċi essenzjali***

Prattika enoloġika speċifika

Il-prattika tal-arrikkiment hija pprojbita.

Kull trattament termiku tal-ħsad tal-għeneb li jinvolvi temperatura inqas minn -5 °C u kull użu ta' mini jew ta' kompartimenti tat-tnixxif tal-għeneb (biex isir żbib) huma pprojbiti. L-użu ta' biċċiet ta' injam u ż-żieda ta' tannini huma pprojbiti. Barra d-dispożizzjonijiet t'hawn fuq, il-prattiki enoloġiċi applikati għal dawn l-inbejjed għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-livell tal-UE u fil-Kodiċi Rurali.

Prattika tal-kultivazzjoni

Id-densità minima tat-tħawwil tad-dwieli hija ta' 5 000 pjanta għal kull ettaru.

L-ispazju bejn ir-ringieli ma jistax jaqbeż iż-żewġ metri u l-ispazju bejn dielja u oħra fl-istess ringiela ma jistax ikun inqas minn 0,80 metru.

Id-dwieli jinżabru skont it-tekniki li ġejjin: żabra skont il-metodu Guyot, il-metodu cordon de Royat jew bl-użu ta' żabra qasira.

Kull dielja jkollha massimu ta' 10 għajnejn li jagħtu l-frott. L-irrigazzjoni hija pprojbita.

b. ***Rendimenti massimi***

30 ettolitru għal kull ettaru

6. **Żona ddefinita**

L-għeneb jinqata' u l-inbejjed isiru u jiġu pproċessati fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-*département* tad-Dordogne: Bonneville-et-Saint-Avit-de-Fumadières, Fougueyrolles, Lamothe-Montravel, Montcaret, Montazeau, Montpeyroux, Nastringues, Port-Sainte-Foy-et-Ponchapt, Saint-Antoine-de-Breuilh, Saint-Méard-de-Gurçon, Saint-Michel-de-Montaigne, Saint-Vivien u Vélines.

7. **Il-varjetajiet ewlenin**

Muscadelle B

Semillon B

Sauvignon gris G

Sauvignon B

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Iż-żona ġeografika tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Haut-Montravel" hija inkluża fiż-żona ġeografika tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Haut-Montravel". Fin-nofsinhar hija limitata bil-wied tad-Dordogne u fit-tramuntana mill-foresta tal-Landais. Iż-żona tinsab fil-parti tal-punent tad-*département* tad-Dordogne u tkopri t-territorju ta' 13-il muniċipalità.

Ġeomorfoloġikament, iż-żona ġeografika ta' "Haut-Montravel" tikkostitwixxi territorju uniku fil-Bergaracois b'riżalt tabulari pjuttost dejjaq, imdawwar mill-widien tal-La Lidoire u tad-Dordogne.

Ir-roqgħa tar-raba' ddefinita tintgħażel b'attenzjoni partikolari biex l-għeneb ikollu kwalità ottimali. Tingħata preferenza għall-irqajja' bit-tafal u bil-ġir skulati sew fuq il-parti ċ-ċatta aktar milli l-partijiet inklinati li huma esposti għan-Nofsinhar. Barra minn hekk, dawn l-irqajja' bid-dwieli għandhom ħamrija fqira u li tgħaddi l-ilma minnha iżda għandha kontenut ta' tafal biżżejjed biex ma tkunx affettwata mill-effetti tan-nixfa fis-sajf.

Din id-definizzjoni teħtieġ ġestjoni stretta tal-metodi ta' kultivazzjoni, jiġifieri densità minima ta' tħawwil ta' 5 000 pjanti għal kull ettaru, u piż ta' ħsad baxx għal kull pjanta. Din il-ġestjoni stretta tiżgura maturità biżżejjed u bikrija tal-għeneb sabiex dan ikollu konċentrazzjoni tajba u b'mod patikolari għall-varjetajiet lokali tar-reġjun bħal pereżempju l-Muscadelle B, is-Sauvignon B, is-Sauvignon Gris G, u anki l-Ondenc B, iżda l-aktar il-varjetà Sémillon B, li ta' spiss tinsab bil-ħafna u għandha kapaċità kbira għall-maturazzjoni żejda fil-klima oċeanika.

Il-konċentrazzjoni tal-għeneb għandha tinkiseb b'mod naturali u t-tekniki ta' konċentrazzjoni bil-kesħa jew il-kompartimenti tat-tnixxif huma pprojbiti. Bl-istess mod, sabiex jiġi ppreservat l-għeneb qabel jingħasar, l-użu tal-magni tal-pressa kontinwi u tal-kontenituri li jitbattlu waħedhom bil-pompa rotarja bil-qala' huma pprojbiti.

Min-naħa l-oħra, minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi tal-wied tad-Dordogne u tal-foresta tal-Landais, fil-ħarifa jkun hemm iċ-ċpar filgħodu u wara nofsinhar ikun hemm ix-xemx. Meta jkun hemm dawn il-kundizzjonijiet flimkien, il-produtturi tal-inbid jaqtgħu l-għeneb matur iżżejjed permezz ta' ħsad selettiv suċċessiv. Dan l-għeneb ikollu kontenut għoli ta' zokkor u jkollu l-"moffa nobbli" bl-azzjoni tal-*botrytis cinerea*. L-inbejjed miksuba huma nbejjed bojod fini u mielsa, b'konċentrazzjoni għolja, li jkollhom kontenut ta' zokkor fermentabbli ta' aktar minn 85 gramma għal kull litru u qawwa alkoħolika totali skont il-volum ta' aktar minn 14,5 % mingħajr l-użu tal-arrikkiment. Dawn l-inbejjed "ħelwin" għandhom togħma matura, aromi ta' frott imsajjar jew ippreżervat u xi kultant lemħiet ta' għasel li juru l-potenzjal ta' dan it-territorju, u għandhom kapaċità tajba ħafna għall-maturazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-għarfien tal-produtturi tal-inbid jirriżulta minn tradizzjoni antika ta' produzzjoni tal-inbid b'residwi taz-zokkor u ta' preservazzjoni ta' dawn l-inbejjed li kienu jiġu kkunsmati 'l bogħod ħafna mill-post tal-oriġini tagħhom (b'mod partikolari l-Ewropa tat-Tramuntana).

Qabel il-Phylloxera, l-istorja tal-inbejjed ta' "Haut-Montravel" mhijiex magħrufa ħafna u tagħmel biss referenza għall-inbejjed ta' "Montravel" b'mod ġenerali, mingħajr ma tispeċifika jekk dawn humiex inbejjed xotti jew inbejjed b'zokkor fermentabbli.

Fl-1903, Edouard FERET ħoloq inventarju komprensiv tal-vitikultura fil-Bergeracois fil-ktieb "Bergerac et ses vins". Jinnota li: fil-muniċipalitajiet ta' Fougueyrolles, Nastringues, Saint-Antoine-de-Breuilh (fost oħrajn), l-aħjar "crus" jikkompetu mal-inbejjed ta' Sainte-Foy. Dawn l-inbejjed huma fini ħafna, mielsa, ħelwin u ta' spiss għandhom aroma pjaċevoli.

B'produzzjoni konfidenzjali kkumerċjalizata fi fliexken biss, il-produtturi tal-inbid urew maż-żmien li għandhom għarfien perfett tal-ġestjoni tal-vinja tagħhom u tal-produzzjoni tal-inbid biex jiksbu nbejjed ħelwin ta' kwalità għolja minkejja l-kundizzjonijiet klimatiċi.

F'bosta avvenimenti lokali (wirjiet agrikoli u oħrajn), it-terminu "Montravel" qed jintuża aktar ta' spiss sabiex tin-żamm il-fama ta' dan it-territorju partikolari tal-Bergeracois.

9. **Kundizzjonijiet essenzjali oħra**

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni Nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni supplementari:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika ddefinita

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita bid-deroga għall-produzzjoni tal-inbid, għall-ipproċessar tal-inbid, hija rrappreżentata mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin:

— Id-*Département* tad-Dordogne: Bergerac, Le Fleix, Monfaucon, Saint-Laurent-des-Vignes.

— Id-*Département* tal-Gironde: Gardegan-et-Tourtirac, Gensac, Landerrouat, Les Lèves-et-Thoumeyragues, Pineuilh, Saint-Avit-Saint-Nazaire u Saint-Emilion.

Regoli dwar it-tikkettar

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni Nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni supplementari:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

L-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Hait-Montravel" jistgħu jispeċifikaw fuq it-tikketti tagħhom l-unità ġeografika usa' ta' "Sud-Ouest". Din l-unità ġeografika usa' tista' tidher ukoll fuq kwalunkwe fuljett jew reċipjent. Id-daqs tal-ittri għall-unità ġeografika usa' ma għandux ikun akbar, fl-għoli jew fil-wisa', mid-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-c142e23c-3854-4c0e-bdb3-97c3b983b620

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8758 — BayWa/Clean Energy Trading)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 4/05)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BayWa r.e. renewable Energy GmbH ("BayWa", il-Ġermanja),

— Clean Energy Trading GmbH ("CET", il-Ġermanja).

BayWa takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' CET.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BayWa hija attiva fl-oqsma tal-enerġija solari, l-enerġija mir-riħ, il-bijoenerġija u l-enerġija ġeotermali,

— CET hija attiva fl-oqsma ta' kummerċjalizzazzjoni diretta tal-elettriku minn impjanti tal-enerġija rinnovabbli u tal-provvista tal-elettriku lill-klijenti aħħarin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8758 — BayWa/Clean Energy Trading

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Użu d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8746 — EG Group/ESSO Germany Business)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 4/06)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EG Group (ir-Renju Unit), ikkontrollata b'mod konġunt minn TDR Capital LLP (50 %), ditta ta' ekwità privata, u żewġ individwi (50 %);

— ESSO il-Ġermanja Business (il-Ġermanja), li tappartjeni lil Exxon Mobil Corporation.

EG Group, takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' partijiet minn ESSO Deutschland GmbH, sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' Exxon Mobil Corporation.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— EG Group hija kumpanija azzjonarja li topera taħt il-marka "EG", attiva fl-operazzjoni tal-pompi tal-karburant b'offerta backcourt ta' ħwienet ta' konvenjenza anċillari, ħasil tal-karozzi, lukandi u ristoranti fast food, fir-Renju Unit, fil-Belġju, fi Franza, fil-Lussemburgu u fin-Netherlands;

— ESSO Germany Business hija attiva f'bejgħ bl-imnut ta' kombustibbli tal-magni permezz ta' netwerk ta' pompi tal-karburant li jinsab fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8746 – EG Group / ESSO Germany Business

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT